**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.**

Il-Pulizija
(Spt. Paul Vassallo)

vs

Joseph Christie.

Seduta tal-llum 16 ta' Frar 2001.

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Christie ta' 28 sena, bin il-mejjet William u Edith Mary nee Ridout, imweled Victoria, Ghawdex, Karta tal-Identita' numru 34368 (G), kif riportati a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

> Nakkuzah talli fit-2 ta' Settembru 1996, ghal habta ta' xi 4.00am ikkommetta serq ta' flus mil-Korallina Restaurant, fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ksur, bil-valur u bil-hin;
>
> Nakkuzah talli fit-2 ta' Settembru 1996, ghal-habta ta' xi 4.00am fl-istess lok, hin u cirkostanza, volontarjament , hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi ghamel hsara f'bieb ta' ufficcju ghad-dannu ta' Andar Korallina Ltd, liema hsara teccedi Lm50;
>
> Nakkuzah ukoll talli fit-13 ta' Settembru 1996, ghal-habta ta' xi 4.00am ikkommetta serq ta' flus mis-"Sea View Bar and Restaurant", Mgarr, Ghawdex, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-ksur ghad-dannu ta' Lino Vella;
>
> Nakkuzah ukoll talli fit-13 ta' Settembru 1996 ghal habta ta' xi 4.00am fl-istess lok, hin u cirkostanza, volontarjament hassar, ghamel hsara jew

gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi ghamel hsara fit-tieqa tas-“Sea View Bar and Restaurant” liema hsara ma teccedix Lm50;

Nakkuzah ukoll talli kiser il-provvediment ta’ sentenza moghtija lilu fis-7 ta’ Marza 1994 u tal-24 ta’ Marzu 1994 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra”.

Rat in nota tal-Avukat Generali tal-1 ta’ Ottubru 1997 fejn baghat lill-imputat biex ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm mahsub fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263 sa 267, 270, 278, 330, 279 sa 281, 325 ((b), 18 u 28A sa 28 H u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi l-imputat ddikjara li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu ikun trattat bl-istess procedura;

Semghet il-provi bil-gurament:

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2000;

Semghet ix-xhud tal-karattru prodott mid-difiza;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiejt;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Fuq ammissjoni issib lil imputat hati tal-akkuza kollha kif dedotti kontra tieghu;**

Wara li rat l-arikoli artikoli 261(b)(c)(f), 263 sa 267, 270, 278, 330, 279 sa 281, 325 ((b), 18 u 28A sa 28 H tal-Kodici Kriminali;

Wara li ezaminat is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tas-7 ta’ Marzu 1994 fl-ismijiet Spt. Paul Debattista vs Joseph Raymond Christie u tal-20 ta’ Mejju 1997 fl-ismijiet Spt. Paul Debattista vs Joseph Raymond Christie. Fl-ewwel sentenza citata l-imputat inghata “conditional discharge” ghal tmien ta’ tlett snin that l-art 9 Kap 152 u fit-tieni sentenza citata l-imputat kien liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza skond l-art 9 Kap 152.

B’hekk jirrizulta illi l-impuat kiser il-liberta kondizzjonata moghtija fiz-zewg sentenzi;

Wara li semghet ix-xhieda tal-karattru mressqa mid-difiza, il-Qorti jidrilha illi l-imputat kellu l-opportunita’ jibbenefika mill-provvedimenti tal-ligi, u cioe dawk tal-Kap 152, li qieghdin hemm biex jghinu lill min jinsab hati jerga isib it-triq it-tajba. Jidher illi dawn ma kienu ta’ ebda ghajnuna ghall-imputat ossia ma gharafx jisfrutthom ghal beneficcju tieghu. Meta persuna ma tkun ricettiva ta’ dawn il-beneficcji il-Qorti bil-fors ikollha thares lejn disposizzjonijiet ohra tal-ligi u dan qed tghamlu serjament. Izda qabel ma tirrikorri ghal-mezzi ohra trid tassigura ruhha illi l-imputat li illum ghandu aktar zmien minn meta inghata l-ewwel “conditional discharge”, fehem illi wara din is-sentenza, il-possibilita’ ta’ tali applikazzjoni tkun remota hafna. L-imputat irid jifhem ukoll illi dawn il-proccedimenti mhumhiex qieghdin hemm ghal skopijiet leggeri. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ probation that il-harsien tal-probation officer indikat fl-annessa skeda u dan ghal-perjodu ta’ tlett snin mill-lum u l-imputat ghandu jottempera ruhu ma’ kull kondizzjoni indikata fl-istess skeda.

Il-Qorti fehemet din l-ordni ta’ probation lill-imputat.

Magistrat